MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH**

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 153/2002

Dottor Joseph sive Beppe Fenech Adami

Vs

Felix Agius

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva, fuq talba tal-kwerelant Dr. Joseph sive Beppe Fenech Adami kontra l-kwerelat Felix Agius talli bhala editur tal-istazzjoni tar-radju Super 1, fil-21 ta’ Lulju, 1999 ghall-habta tas-6.00 p.m. waqt il-programm “Tajjeb Li Tkun Taf”, ta malafama lill-kwerelant Dr. Joseph sive Beppe Fenech Adami, meta xandar jew ippermetta li jigu mxandra fatti determinati malafamanti u foloz, (liema fatti jinsabu riprodotti fl-annessa traskrizzjoni), bl-iskop li joffendi l-unur u l-fama tieghu u li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u dana bi ksur tal-provedimenti tal-Ligi ta’ l-Istampa, Kap. 248.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-kwerelat hati ta’ l-akkuza migjuba kontra tieghu u lliberatu minn kull imputazzjoni u htija.

Rat ir-rikors tal-kwerelant minnu pprezentat fl-24 ta’ Gunju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza billi ssib lill-kwerelat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-pieni kkontemplati mill-Ligi.

Rat id-Digriet Taghha tat-18 t’ Ottubru , 2002 li bih ordnat li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fl-atti kollha fejn dan jirrikorri biex minnflok “Il-Pulizija (Spettur J. Agius) vs. Felix Agius” jaqra: “Dottor Joseph sive Beppe Fenech Adami vs. Felix Agius” ;

Rat illi l-aggravji tal-kwerelant , fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti u cioe’ :- fil-waqt li l-Ewwel Qorti fil-bidu tas-sentenza Taghha qalet illi d-diskors trasmess kien “ferm libelluz , ingurjuz u malfamanti fil-konfront tal-kwerelant” , umbaghad qalet li kien jonqos element mitt-tlitt elementi essenzjali biex il-kwerelat jinstab hati u cioe’ l-”animus injuriandi” , fil-waqt li z-zewg elementi l-ohra “jissussistu fl-abbondanza”; Li skond il-ligi l-editur ta’ stazzjon huwa prezunt li agixxa xjentement (sakemm ma jigix pruvat il-kuntrarju) (Art. 25 (1) Kap.248 ) u jekk ma jkunx agixxa xjentement , ikun hati ghall-pieni ta’ kontravvenzjonijiet (Art. 26 , Kap.248). Ghalhekk f’din is-sitwazzjoni legali kien kontrosens li l-Qorti tillibera ghax l-appellat ma agixxiex xjentement u li dak li iddecidiet l-Ewwel Qorti kien diametrikament oppost ghall-Ligi miktuba.

Illi t-tieni aggravju dedott mill-kwerelant appellant hu li l-Ewwel Qorti mmotivat id-decizjoni taghha ukoll bil-konsiderazzjoni li l-istazzjon dakinhar li xxandar il-kliem ingurjuz , ma kienx munit bid-
”delay control system” . Skond il-kwerelant , jekk xejn , dan il-fattur kien ikabbar ir-responsabbilta’ tal-kwerelat u mhux jeliminha . L-ghazla li jippermetti jew ma jippermettix

programm b'telefonati "live" minn stazzjon li mhux munit b' "delay control system" kienet tal-kwerelat appellat u ta' hadd izjed . L-appellat ghamel din l-ghazla w ippermetta dan il-programm isir. Minkejja dan , l-Ewwel Qorti ppremjat flok ippenalizzat dan l-agir irresponsabbli tal-kwerelat u din il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti tmur kontra l-logika u kull principju tal-ligi penali .

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2002;

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli difensur tal-kwerelant rega' tenna w elabora fuq l-argumenti kontenuti fir-rikors tal-appell tal-kwerelant fuq riprodotti in succinto . Zied jghid li x-xandira nkriminata damet sejra xi minuta w nofs u kien hemm hin bizzejjed biex tigi interrotta minn min kien responsabbli . Inoltre rrileva li x-xhud Antoine Ellul kien esebixxa kopja tar-recording tal-programm li xxandar fuq l-istazzjon tar-radju "Super 1" kondott minn Manwel Cuschieri , li gie registrat minn wiehed mis-subalterni tieghu , w dana billi l-Awtorita' tax-Xandir li maghha kien impjegat ix-xhud timmonitorja w tirrikordja kull stazzjon lejl u nhar . Inoltre l-offerta li saret mill-kwerelat appellat biex ixandar disdetta saret biss tlitt xhur wara x-xandira w meta kienet gja giet prezentata c-citazzjoni . Zied jissottometti li skond il-ligi , huma l-editur jew l-awtur li huma passibbli ghall-proceduri ta' libell u , hu biss meta dawn ma jkunux maghrufa ,li wiehed idur fuq il-Manager tal-istazzjon.

Illi mill-banda l-ohra, l-abbli difensur tal-kwerelat appellat issottometta li ma tela' ebda xhud bil-gurament li kkonferma x'sema' fix-xandira allegatament imxandra fuq ir-radju Super 1 . Il-kwerelant xehed li hu ma kienx sema' l-programm u pproduca tape li ma rrekordjahx hu w ghamel traskrizzjoni tal-parti mix-xandira nkriminata . Anki c-Chief Executive tal-Awtorita' tax-Xandir xehed li t-tape ma kienx rrekordjah hu . Ghalhekk ma saritx l-prova li d-diskors irrekordjat u traskritt hu dak li gie imxandar . Issottometta ukoll li din il-linja ta' difiza ttiehdet ukoll quddiem l-Ewwel Qorti , ghalkemm ma jidher li hemm xejn verbalizzat fir-rigward . Jekk tali provi tista' tigi

accettata fil-kamp civili fuq bazi ta’ probabbilita’ , ma tistax tigi accettata fil-kamp penali.

Fit-tieni lok, ghalkemm il-ligi kienet estendiet ir-responsabbilta’ ghal dak li jixxandar ghall-editur , staqsa kif kien possibbli li dan jikkontrolla kollox ghall erba w ghoxrin (24) siegha kulljum ? Fejn si tratta ta’ programmi li jixxandru “live” , l-editur la seta jipprevjeni w lanqas b’ xi mod izomm dak li xxandar milli jixxandar . Ma tistax izzomm lil xi hadd responsabbli meta ma jistax ikollu kontroll. Illi l-introduzzjoni tad-“delay control system” li jippermetti dewmien ta’ 12 il-sekonda kien zvilupp li gie wara .

Issottometta inoltre li l-kwerelat appellat kien offra li jaghmel disdetta u li wara xi zmien kien irrizenja minn editur tal-istazzjon “Super 1” .

Ezaminat l-atti kollha processwali w l-provi traskritti li ngabru quddiem l-Ewwel Qorti ;

Ikkonsidrat ,

Illi dawn il-proceduri taht il-Ligi tal-Istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta’ Malta) mbdew fuq kwerela maghmula mill-kwerelant l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami per mezz t’ ittra mibghuta mill-Avukat tieghu Dr. Joseph Zammit Maempel tal-20 t’ Awwissu , 1999 , u , kif jidher mill-atti processwali, l-prosekuzzjoni tal-kaz dejjem u regolarment tmexxiet mill-kwerelant li kien ikun prezenti fl-awla assistit mid-difensur tieghu u li f‘ xi okkazzjoni li ma kienx prezenti , kien prezenti l-istess avukat tieghu li pprosegwixxa l-kaz . Dan l-appell gie intavolat mill-kwerelant li hass ruhu aggravat bis-sentenza ta’ liberazzjoni appellata, kif kien intitolat li jaghmel skond l-art. 48 tal-Kap.248 kif emendat bl-Att X tal-1996.

Illi ghalkemm ma jidhirx li d-difiza li ma saritx il-prova li dak li hemm fir-recording u traskrizzjoni esebiti hu dak li attwalment ixxandar fuq ir-radju Super 1 fil-21 ta’ Lulju, 1999 , giet sollevata formalment quddiem l-Ewwel Qorti w hemm biss accenn ghaliha fil-kontroezami ta’ xi xhieda fl-

atti processwali , quddiem din il-Qorti l-kwerelat appellat qed iqajjem din l-eccezzjoni . Di fatti l-Ewwel Qorti ma ttrattatx din id-difiza fis-sentenza appellata w sahansitra qalet li l-kwerelat gab bhala difiza l-fatt illi huwa ma kellu ebda kontroll fuq dak li kien qieghed jinghid u li ma kienx f'pozizzjoni li jipprevedi dak li s-semmiegh kien ser jghid ; li dak in-nhar l-istazzjon Super 1 ma kienx munit b' "delay control system" ; u li l-kwerelant kien irrizenja minn editur tal- istazzjon konsegwenza diretta ta' dan l-incident.

Pero' din il-Qorti thoss li una volta li issa qed tigi sollevata din id-difiza b'mod formali , ghalkemm ma jidhirx li dan sar quddiem l-Ewwel Qorti , hija trid tiddisponi minnha qabel ma tghaddi biex tiddeciedi dwar l-aggravji tal-appellant dwar is-sentenza appellata u dana ovvjament ghaliex jekk jigi ritenut li ma saritx il-prova tal-fatt , ossia tax-xandir tad-diskors ingurjuz, ma jkunx hemm bzonn li din il-Qorti tidhol fl-aggravji li huma bazati fuq punti ta' dritt aktar milli haga ohra.

Illi mix-xiehda tal-kwerelant (fol.10 tal-process) , irrizulta li t-traskrizzjoni tal-parti rilevanti tax-xandira nkriminata , ghamilha hu stess minn fuq it-tape li wasslitlu l-Broadcasting Authority . Illi ma giex lanqas remotament suggerit li din it-traskrizzjoni mhix wahda akkurata w din il-Qorti vverifikatha mar-recording esebit a fols. 17 u 30 tal-process u sabet li hija wahda fidila w preciza (hlief ghal xi kliem li intqal bi tlaqlieq jew gie ripetut jew hu indecifrabbli u ma giex traskritt, pero' li ma jbiddel xejn mis-sustanza ta' dak li ntqal) . Illi umbaghad xehdet ukoll Joanne Bugeja (Fol.27 sa 29 tal-process ) u din ikkonfermat bil-gurament li hija supervisor fid-Dipartiment tal-Monitoring ta' l-Awtorita' tax-Xandir u li hi stess ghamlet ir-recording tal-programm illi kien gie imxandar bl-isem : "Tajjeb li Tkun Taf" fil-21 ta' Lulju, 1999 fis-6.10 p.m. minn fuq il-MASTER TAPE , li hu dak it-tape li jkun qed jirrikordja l-istazzjonijiet kollha kull hin . Xehdet ukoll li meta l-MASTER TAPE jitnehha mill-logging machine , wara li jkun gie uzat kollu , dana jitqieghed fl-arkivju tal-Awtorita' tax-Xandir u hemm jibqa' kustodit . Spjegat ukoll li meta hi ghamlet ir-recording esebit , harget dan il-MASTER TAPE , rat fejn kienet il-parti li kienet giet

rikjesta minnha w irrekordjatha . Sakemm kien ilu kustodit dan il-MASTER TAPE, sa fejn taf hi hadd ma messu . Ziedet tghid ukoll li ghalkemm ma tistax teskludi l-possibilta' li l-MASTER jew D A T seta' gie "edited" jew imbghabas b'tali mod illi jitnehhew jew jizdiedu xi kliem illi sussegwentement baqghu jidhru fuq dan it-tape , pero' ma hemm xejn li jghaghla tahseb illi dan it-tip ta' editing jew tbaghbis sar fuq dan id-D A T . L-access ta' dan l-arkivju huwa limitat ghall-Monitoring Department biss.

Illi f'dan l-istat tal-provi din il-Qorti tifhem ghala l-ewwel Qorti haditha bhala fatt stabilit li r-recordings esebiti w t-traskrizzjoni taghhom huma awtentici . Wiehed ma ghandux jassumi li recordings fuq MASTER TAPE li jkunu qed jirrikordjaw il-programmi tal-istazzjonijiet kollha f'kull hin mill-Awtorita' tax-Xandir ikunu imbaghabsa w d-difiza ma ghamlet ebda tentattiv biex tallega jew tipprova dan quddiem l-Ewwel Qorti al menu sal-grad tal-probbabilita' rikjest minnha u qed issa tipprova tpoggi n dubju dak li quddiem l-Ewwel Qorti , fejn kellha kull opportunita' li taghmel dan - mhux necessarjament b'success - ma ghamlitx . Fl-assenza tal-icken accenn ta' prova ta' tbaghbis jew editing tal-MASTER TAPE u meta min ghamel ir-recording esebit ossia Joanne Bugeja assumiet ir-responsabbilta' ghall-istess u kif ukoll ghamel l-kwerelant li ha responsabbilta' tat-traskrizzjoni , din il-Qorti , bhal Ewwel Qorti , ser tiehu bhala fatt pruvat skond il-ligi li r-recording u traskrizzjoni taghha esebiti huma awtentici w jirriflettu perfettament dak li gie imxandar minn fuq ir-radju Super 1 fid-data w l-hin in kwistjoni .

Illi umbaghad bhall-Ewwel Qorti , din il-Qorti wara li rat it-traskrizzjoni w semghet ir-recording esebit ma ghandha ebda ezitazzjoni li tirritjeni li d-diskors imxandar kien wiehed mill-aktar libelluz u ingurjuz fil-konfront tal-kwerelant u li sar bi ksur tal-artikolu 3 u 11 tal-Kap. 248 . Del resto, dan jidher li gie ukoll rikonoxxut mill-istess appellat minn dak li xehed (a fol.61- 62 tal-process) fejn stqarr li meta hu sar jaf bid-diskors inkriminat , kien kellem lill-avukat tieghu w qallu li hu kien qed jiddizassocja ruhu kompletament minn dak li ntqal u li jekk kien il-kaz illi hu ixandar disdetta , hu jkun lest li jaghmilha w li din l-offerta

saret verbalment kemm il-darba , anki fil-Qorti. Hu kien ukoll irrizenja minn editur ta' l-istazzjon Super One ghax ma kellux ghalfejn izid ir-responsabbilta' tieghu (fil-qasam tal-ahbarijiet) b'dan l-inkwiet.

Ikkonsidrat illi l-Art. 42 tal-Kap.248 kif emendat bl-Att X tal-1996 jiddisponi li kull detentur ta' licenzja tax-xandir f' Malta ghandu jahtar persuna sabiex taghmilha ta' editur ta' , w tkun editorjalment responsabbli ghas-servizz ta' xandir provdut skond dik il-licenzja . Umbaghad l-art. 44 kif ukoll emendat bl-Att X tal-1996, jiddisponi li "l-edituri tas-servizzi tax-xandir ghandu jkollhom l-istess dmirijiet u obbligi taht dan l-Att skond ma ghandhom bl-istess Att l-edituri tal-gazzetti." L-Art. 23 tal-Kap.248 jghid li l-azzjoni kriminali ghal xi reat taht it-Taqsima II tal-Att tista' tittiehed kontra kull wiehed mill-persuni segwenti u cioe' :- l-awtur tal-kitba , l-editur , jew jekk dawk il-persuni ma jkunux jistghu jigu identifikati , r-responsabbli ghall-publikazzjoni . Illi rrizulta ampjament li l-appellat kien l-editur tal-istazzjoni tar-radju Super 1 (Fols. 12 u 16 tal-process) meta xxandar id-diskors inkriminat u dan mhux kontestat mill-appellat (fol.60 sa 65 tal-process)

Dan kollu stabilit , jibqa' biex jigu ezaminati l-aggravji tal-kwerelant appellant dwar is-sentenza appellata.

Illi l-artikolu 25 (1) tal-Kap.248 jiddisponi li l-awtur, l-editur u/jew il-persuna responsabbli ghall-pubblikazzjoni jitqiesu li agixxew xjentement jekk ma jigix pruvat il-kuntrarju u s-subinciz (2) jghid li l-editur jitqies li agixxa xjentement jekk, ghalkemm KIEN JAF (emfasi tal-Qorti) x'kien fiha x-xandira , fiz-zmien qabel il-pubblikazzjoni taghha , ma jkunx zamm dik il-pubblikazzjoni.

Minn dan johrog li hemm prezunzjoni "juris tantum" ta' htija f'kaz ta' malafama kontemplata fl-art. 11 tal-Kap 248 ( kif ukoll taht artikoli ohrajn li mhumiex rilevanti ghal dan il-kaz) fil-kaz tal-editur , sakemm dan ma jippruvax li ma jkunx agixxa xjentement u din il-prezunzjoni li jkun agixxa xjentement hija wahda "juris et de jure" f'kaz li jigi pruvat li jkun jaf bil-kontenut tax-xandira nkriminata minn qabel u ma jwaqqafhiex. Umbaghad bhala "safety net" biex

jaqbad dawk il-kazi li fihom ma tkunx tirrizulta din il-htija prezunta bazata fuq ix-xjenza , hemm l-artikolu 26 tal-Kap.248 li jiddisponi li  l-editur li ma jkunx agixxa xjentement , ikun hati ghall-piena ta’ kontravvenzjonijiet .

Illi mix-xiehda mhux kontradetta tal-kwerelat appellat , li din il-Qorti ma ghandix raguni ghala ma ghandix toqghod fuqha , jirrizulta li  l-appellat ma kienx jaf b’dak li xxandar minn qabel u sar jaf bil-kontenut tieghu biss wara li xxandar . Illi  l-prezunzjoni ta’ agir xjentement tezisti biss , fejn l-editur KIEN JAF x’kien fiha x-xandira, w mhux fejn seta’ kien jaf jew fejn seta’ ppreveda x’ser jintqal , jew fejn bl-adoperazzjoni ta’ mezzi teknici seta’ jkun hemm xi hadd li jinterrompi x-xandira.  Fil-kaz in ezami l-ligi titkellem car u l-prezunzjoni tax-xjenza “juris et de jure” tiskatta biss fejn l-editur IKUN JAF MINN QABEL  bil-kontenut tax-xandira, haga li f‘dan il-kaz hija kategorikament michuda mill-appellat u mhux kontradetta minn ebda prova ohra.

Ghalhekk l-argument li  l-editur appellat f’dan il-kaz kien irrresponsabbli ghax ippermetta l-uzu  tal-istazzjon ghall-programmi “live”  minghajr l-adoperar ta’ “delay control system” ma jreggix , l-ewwel nett ghax ma jirrizulta li kien hemm ebda obbligu legali  li ghandu jintuza sistema tali fiz-zmien tal-allegat libell  u ghalhekk l-analogija mas-sewwieq li jsuq car li jaf li m’ghandix brakes ma treggix ghax li jkollok brakes effikaci w effettivi hu  stipulat bil-Motor Vehicle Regulations, mentri f‘dal kaz ma kienx hemm xi obbligu legali simili . U fit-tieni lok , anki kieku , ghal grazzja tal-argument  kien hemm  “in vigore”  dan  id-”delay control system”  fl-istazzjon dak in-nhar li xxandar il-kliem ingurjuz,  l-editur  mhux necessarjament kien ikun jaf bih  fit-12 il-sekonda intervall li jipprovdi dan is-sistema u ,se mai, kien ikun jaf bil-kliem ingurjuz  minn qabel il-persuna responsabbli mix-xandira partikolari, f’dan il-kaz is-Sur Manwel Cuschieri  w mhux l-editur  innifsu .

F’dan il-kaz hija rilevanti dik il-parti tax-xiehda tal-appellat fejn qal li wara  kienu ddiskutew bhala administration dan il-kaz u ddecidew li jdahhlu d-“delay control system” u taw istruzzjonijiet lix-xandara biex joqghodu attenti ghal dak illi jghidu fil-“phone ups” . Taw ukoll struzzjonijiet illi meta

jkun hemm akkuzi bhal dawn jew allegazzjonijiet bhal dawn , il-prezentatur jiddizassocja ruhu mall-ewwel b'dak li jkun qieghed jinghid . Minn dan johrog car li l-unika persuna li tista' tempestivament tintervjeni biex twaqqaf dak li jkun qed jinghid fi programmi "live" b' "phone ins" hu il-prezentatur . Dan tal-ahhar ghandu responsabbilta' gravi biex ma jhallix li nies jithammgu u jigu ngurjati minn nies malintenzjonati li juzaw dawn il-programmi ghal skop malinn , prattika din li sfortunatament qed issir komuni jekk mhux regolari.

Imma r-responsabbilta' tal-editur , fl-assenza ta' xi emenda fil-ligi , ser tibqa' cirkoskritta b'dak li hemm mahsub fl-art. 25 tal-Kap.248 kif emendat bl-Att X tal-1996. U meta l-editur jipprova, kif ipprova ghas-sodisfazzjon tal-Ewwel Qorti u anki ta' din il-Qorti f'dan il-kaz , li hu ma kienx jaf minn qabel bil-kontenut ingurjuz tax-xandira, hu jitqies li ma agixxiex xjentement w allura jiskatta l-provvediment tal-art. 26.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti pero' huwa proprju hawn fejn is-sentenza tal-Ewwel Qorti ma treggix , ghax una volta li xxandar il-kliem ingurjuz minn fuq l-istazzjon li tieghu l-appellat kien editur , dan ried jerfa' r-responsabbilta' li takkollah biha l-ligi meta ma jkunx agixxa xjentement u mhux jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena kif sar fis-sentenza appellata. F'dar-rigward hu altru mill-fondat l-aggravju tal-kwerelant appellant u l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta lliberat lill-appellat bhala editur ta' stazzjon tar-radju li xandar diskors manifestament ingurjuz w, anki jekk korrettement accettat il-prova tal-appellat li hu ma kienx agixxa xjentement, kellha bil-fors taqa' fuq id-dispost tal-artikolu 26 li japplika ghall-kaz ta' xandir ta' malfama minn editur li ma jkunx agixxa xjentement u tapplika l-piena tal-kontravvenzjonijiet ghall-ksur tal-art. 11 tal-Kap.248 minnflok il-pieni kontemplati fl-artikolu 11 li jipprovdu ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew multa jew dik il-prigunerija u multa flimkien.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa l-appell , tirrevoka s-sentenza appellata w minnflok issib lill-kwerelat appellat Felix Agius hati talli bhala editur tal-

istazzjon Super 1 , fil-21 ta' Lulju, 1999, ghal-habta tas- 6 p.m., waqt il-programm "Tajjeb li Tkun Taf", ta malafama lill-kwerelant Dr. Joseph sive Beppe Fenech Adami , meta xandar jew ippermetta li jigu mxandra fatti determinati, malafamanti w foloz bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu w li jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku w dana bi ksur tal-provvedimenti tal-ligi ta' l-Istampa (Kap.248), pero' bl-attenwanti li hu ma kienx agixxa xjentement ghax ma kienx jaf minn qabel il-publikazzjoni taghha x'kien fiha x-xandira nkriminata ; w wara li rat l-artikoli 2, 3, 11(a) , 20 , 23, 25 u 26 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta u l-art. 7 u 13 tal-Kap.9, u l-fedina penali tal-appellat , tikkundannah ghall-hamsa w ghoxrin lira Maltija (LM25) ammenda w wara li rat it-talba tal-kwerelant fil-kwerela tieghu ghall-applikazzjoni tal-provvediment tal-art. 20 tal-Kap.248 , tordna li sommarju komprensiv ta' din is-sentenza jigi imxandar fuq ir-radju Super 1 fil-gurnata li tigi minnufieh wara l-gurnata tal-lum , b'dana li, fin-nuqqas ta' tharis ta' dan l-ordni , l-kwerelat appellat jehel penali ta' tlitt mitt lira Maltin (LM300) li tithallas lill-kwerelant kif provvdut fl- art. 20 (2) tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

(ft) Joseph G. Galea Debono

Imhallef

Paul Miruzzi
Assistent Registratur

18.10.2002